KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ

Brussel 2.9.2009
KUMM(2009) 442 finali

# KOMUNIKAZZJONI MILL-KUMMISSJONI LILL-KUNSILL, LILL-PARLAMENT EWROPEW, LILL-KUMITAT EKONOMIKU U SOĊJALI U LILL-KUMITAT TAR-REĠJUNI

## Ir-reviżjoni tal-politika Komunitarja dwar l-innovazzjoni f'dinja li qed tinbidel

## WERREJ


1. Introduzzjoni ........................................................ 3

*2.* Il-progress miksub ........................................................ 4

2.1. It-titjib tal-kundizzjonijiet ta’ qafas ........................................................ 4

2.2. Ngħinu biex it-teħid ta' prodotti u servizzi innovattivi fis-suq jiżdied u jsir aktar malajr ........................................................ 5

2.3. It-twaqqif ta' sinerġiji ........................................................ 6

2.4. Iż-żieda tal-appoġġ finanzjarju għar-riċerka u l-innovazzjoni ........................................................ 7

3. Lezzjonijiet li ta' min jitgħallem u sfidi li ta' min jikkontrolla ........................................................ 8

4. Konklużjoni ........................................................ 11

# Ir-reviżjoni tal-politika Komunitarja dwar l-innovazzjoni f'dinja li qed tinbidel

## 1. INTRODUZZJONI

*'L-innovazzjoni hija l-kapaċità li wieħed jieħu l-ideat ġodda u jittrasformahom f'riżultati kummerċjali permezz ta' proċessi, prodotti jew servizzi ġodda b'tali mod li dawn ikunu aqwa u aktar effiċjenti minn dawk tal-kompetituri'*[1].

L-innovazzjoni ma tistax tkun organizzata b'digriet. Din tiġi min-nies, u n-nies biss – ix-xjentisti, ir-riċerkaturi, l-intraprendituri u l-impjegati tagħhom, l-investituri, il-kunsumaturi u l-awtoritajiet pubbliċi – jistgħu jagħmlu l-Ewropa aktar innovattiva. Iżda dawn ma joperawx fl-ispazju. Dawn jaġixxu b'attitudni u f'qafas li jew ma jinkoraġġihomx jew jinċitahom jesploraw territorji ġodda.

L-innovazzjoni hija prekondizzjoni għall-ħolqien ta' ekonomija msejsa fuq l-għarfien u fuq l-użu ekonomiku tal-karbonju. Li nitgħallmu niggwidaw din it-trasformazzjoni, u li niksbu miri soċjali usa' b'mod sostenibbli fost id-diffikultajiet tat-tibdil demografiku, l-isfida tat-tibdil tal-klima, ir-riżorsi skarsi u t-theddid ġdid lis-sigurtà huwa kruċjali biex nibqgħu kompetittivi f'dinja globalizzata.

L-innovazzjoni tippermetti li l-industriji Ewropej ikunu fost dawk ewlenin fil-katina globali tal-valur, filwaqt li tpoġġi lill-Ewropa fuq quddiem fl-użu ta' prodotti u teknoloġiji li jużaw l-enerġija u r-riżorsi b'mod effiċjenti u tarmana bil-mezzi meħtieġa għal azzjoni globali. Barra minn dan, huwa biss f'ambjent li jappoġġja l-innovazzjoni li l-isforzi tal-R&D jistgħu jagħtu riżultati ta' rebħ reali.

Huwa għalhekk li s-Sħubija l-ġdida ta' Liżbona għat-tkabbir u l-impjiegi poġġiet l-innovazzjoni u l-intraprenditorija fuq quddiem u sejħet għall-azzjoni deċiżiva u aktar koerenti mingħand il-Komunità u mingħand l-Istati Membri. Fuq din il-bażi, tnediet politika Ewropea ambizzjuża dwar l-innovazzjoni u u sar ftehim dwar l-Att għan-Negozji ż-Żgħar (SBA - Small Business Act)[2]. Bis-saħħa ta' dan l-approċċ ta' sħubija, illum jista' jkun irrappurtat il-progress. Kważi l-Istati Membri kollha tejbu l-prestazzjoni tagħhom fir-rigward tal-innovazzjoni. Il-qabża fl-innovazzjoni bejn l-UE u l-kompetituri ewlenin tagħha, l-Istati Uniti u l-Ġappun, ċkienet.

Hekk kif ħerġin kompetituri ġodda u qegħdin jikbru l-isfidi, l-UE trid mhux biss issostni din it-tendenza pożittiva, iżda ttejjibha. Filwaqt li minħabba l-kriżi ekonomika hemm ir-riskju li r-riżorsi disponibbli jonqsu, mir-riċessjonijiet ta' qabel, bħall-każ tal-Finlandja, nafu li nistgħu nqiegħdu bħala prijoritajiet ir-riċerka u l-innovazzjoni u dan il-pass jista' jkun ta' importanza kbira fl-akkwist tal-irkupru ekonomiku.

L-għan ta' din il-komunikazzjoni huwa li tidentifika n-nuqqasijiet li fadal u li tipproponi orjentazzjonijiet politiċi kif dawn jistgħu jkunu indirizzati.

---

1 'Noħolqu Qafas Innovattiv Ġdid', Science Progress, Richard Nedis & Ethan Byler, April 2009.

2 COM(2005) 488 ikkonfermata mill-Konklużjonijiet tal-Kunsill tat-28-29.11.2005 (http://ue.eu.int/ueDocs/cms_Data/docs/pressData/en/intm/87210.pdf) u COM(2006) 502 ikkonfermata mill-Konklużjonijiet tal-Kunsill tal-04.12.2006 http://www.consilium.europa.eu/uedocs/cms_Data/docs/pressdata/en/intm/91989.pdf

## 2. IL-PROGRESS MIKSUB

### 2.1. It-titjib tal-kundizzjonijiet ta’ qafas

Immexxija mis-Sħubija ta' Liżbona għat-Tkabbir u l-Impjiegi, mill-2005 l-UE ħadmet biex ittejjeb il-kundizzjonijiet ta' qafas għall-innovazzjoni. L-Istati Membri u r-reġjuni tagħhom ġew inkoraġġuti u megħjuna (partikolarment permezz tal-politika tal-koeżjoni) biex itejbu l-poloitiki tagħhom tal-innovazzjoni billi jimplimentaw strateġiji għall-innovazzjoni nazzjonali u reġjonali u billi jiżviluppaw mezzi ta' evalwazzjoni.

Fuq livell Komunitarju, l-aċċess għas-suq uniku sar aktar faċli, id-disponibilità ta' inputs li huma effettivi fl-infiq tjiebet, trawmu l-politiki favur il-kompetizzjoni, u l-kundizzjonijiet għall-intraprenditorija u għat-tkabbir ta' impriżi ġodda ssaħħu. Il-Kummissjoni sejħet għall-politiki integrati ta’ flessigurtà li jimmodernizzaw is-swieq tax-xogħol u stiednet lill-Istati Membri jpoġġu l-edukazzjoni u l-ħiliet fuq quddiem tal-aġenda tagħhom. Bl-**SBA**, l-UE u l-Istati Membri ħadu impenn li jibdlu l-UE f'post fejn l-intraprendituri u l-IŻM jistgħu jimirħu. Barra minn dan, ġew stabbiliti sħubijiet ma' setturi industrijali prinċipali, li jiddefinixxu u jaqblu dwar il-kundizzjonijiet ta' qafas fuq medda twila ta' żmien għal bażi industrijali Ewropea kompetittiva.

It-tneħħija tal-ostakoli għat-tħaddim tajjeb tas-**suq intern għall-prodotti** u l-implimentazzjoni tad-**Direttiva tas-Servizzi mill-Istati Membri**, se jneħħu firxa sħiħa ta' ostakoli amministrattivi u legali għall-kummerċ. Bħala konsegwenza ta' dan, l-IŻM innovattivi se jkollhom aċċess aktar faċli għas-swieq u l-amministrazzjonijiet pubbliċi se jkunu mmodernizzati.

Sadattant, madwar l-UE huwa fatt magħruf u aċċettat li **l-eċċellenza fl-edukazzjoni, fil-ħiliet u fit-taħriġ** hija kundizzjoni li trid teżisti minn qabel għall-innovazzjoni. It-tagħlim matul il-ħajja sar prijorità politika, u r-riformi fis-sistemi tal-edukazzjoni u t-taħriġ fl-Istati Membri huma mmirati biex iżidu l-investiment fil-kapital uman, jiffaċilitaw l-innovazzjoni u jippromwovu kultura aktar intraprenditorjali. L-azzjonijiet implimentati skont l-Istrateġija għall-Ħiliet Ġodda għal Impjiegi Ġodda se jgħinu biex jiżguraw qbil aħjar bejn il-ħiliet u l-bżonnijiet tas-suq, biex il-bżonnijiet għall-ħiliet tal-individwi u tal-kumpaniji jkunu stmati u antiċipati aħjar u biex iġibu ’l quddiem titjib ġenerali fil-ħiliet tal-ħaddiema Ewropej. Il-Qafas Strateġiku aġġornat għall-Edukazzjoni u t-Taħriġ (ET 2020) jistipula aġenda politika komprensiva bħala appoġġ għar-riformi tal-Istati Membri fl-edukazzjoni u t-taħriġ. L-implimentazzjoni tal-istrateġija tal-UE 'e-skills' tħeġġeġ it-titjib tal-ħiliet diġitali tal-ħaddiema Ewropej[3].

L-immodernizzar tar-regoli tal-UE dwar **l-għajnuna mill-istat** ipprovda lill-Istati Membri b'politika pubblika effettiva għall-appoġġ tal-R&D u l-innovazzjoni. L-Istati Membri issa qegħdin f'pożizzjoni li jagħtu numru ta' tipi differenti ta' għajnuna mill-istat għall-innovazzjoni mingħajr ma jinnotifikaw il-miżuri individwali lill-Kummisjoni u b'piż amministrattiv baxx. Mill-immodernizzar tar-regoli dwar l-għajnuna mill-istat fl-2006, inħolqu strumenti ta' għajnuna ġodda fl-Istati Membri, inkluż 30 skema għall-kumpaniji ġodda u innovattivi. Il-Linjigwida Komunitarji għall-Għajnuna mill-Istat għall-Ħarsien Ambjentali, li ġew riveduti fl-2008, jistipulaw għall-possibbiltà ta’ għajnuna aktar intensiva

---

3 COM(2009)116 li tipproponi strateġija mġedda għall-innovazzjoni fir-riċerka u l-iżvilupp (R&D) tal-ICT

għall-ekoinnovazzjoni[4]. Fis-snin riċenti, kien hemm ukoll tendenza fl-Istati Membri li s-sussidji u l-għotjiet relatati mal-R&D jkunu kkumplimentati bi skemi ta' inċentivi fiskali, liema fattur kellu impatt pożittiv fuq l-investimenti fl-R&D mill-privat. Il-Kummissjoni ffaċilitat it-tixrid ta' prassi tajba permezz ta' netwerk ta' esperti nazzjonali[5].

Fl-aħħar nett, l-aspetti mhux teknoloġiċi tal-proċess ta' innovazzjoni, bħalma huma id-disinn u r-reklamar, dejjem tiżdied l-importanza tagħhom għat-tqegħid ta' iżjed prodotti u servizzi innovattivi fis-suq. Minn dan l-aspett, l-Uffiċċju tal-Unjoni Ewropea għall-Armonizzazzjoni fis-Suq Intern (Trademarks u Disinni) naqqas il-prezz għall-applikazzjoni għar-reġistrazzjoni ta' **trademark** Ewropea darbtejn fl-aħħar ħames snin. Ir-rata l-ġdida (40 % anqas minn dak li wieħed kien ikollu jħallas qabel) naqqset il-prezz biex wieħed jikseb protezzjoni permezz ta' trademark madwar l-UE kollha, għall-anqas livell fl-istorja. Il-medja taż-żmien meħtieġ biex jintemm il-proċess ta' reġistrazzjoni ġie ukoll imnaqqas b'50 %[6].

## 2.2. Ngħinu biex it-teħid ta' prodotti u servizzi innovattivi fis-suq jiżdied u jsir aktar malajr

L-UE rrikonoxxiet u użat ir-regolamentazzjoni u l-istandardizzazzjoni bħala għodod bis-setgħa li jipprovdu l-inċentivi xierqa u jistimulaw is-swieq għal prodotti u servizzi innovattivi.

Ir-**regoli** l-ġodda dwar l-emissjonijiet tal-karozzi jimmiraw li jistimulaw innovazzjoni sostanzjali fl-industrija Ewropea tal-karozzi u għandhom jirriżultaw f'karozzi aktar nodfa u għal but kulħadd - innovazzjonijiet li għandhom jgħinu lil din l-industrija biex tibqa' kompetittiva fuq livell globali. Id-**Direttiva (ETS)** dwar l-Iskema tal-Iskambju ta' Kwoti ta' Emissjonijiet (ETS - Emission Trading Scheme) se tistimola l-innovazzjoni fil-produzzjoni tal-enerġija rinovabbli u tinkoraġġixxi l-kostruzzjoni ta' power stations li jagħmlu inqas ħsara lill-ambjent, inklużi t-teknoloġiji ġodda għaż-żamma u l-ħżin tal-karbonju (**CCS** - carbon capture and storage). Il-**Pjan Strateġiku għat-Teknoloġija tal-Enerġija** jgħin biex jitħaffef l-iżvilupp ta' teknoloġiji għall-użu ta' inqas karbonju li huma ta' ħtieġa kbira fil-kisba tal-għanijiet "20-20-20" sal-2020. Id-leġiżlazzjoni **REACH** u dik dwar il-**kożmetiċi** jipprovdu inċentivi kbar għall-innovazzjoni f'sustanzi alternattivi. Il-**Pjan ta' Azzjoni dwar il-Konsum u l-Produzzjoni Sostenibbli u l-Politika Industrijali Sostenibbli**[7] jipproponi qafas legali armonizzat u integrat biex jinkoraġġixxu l-mixja tal-innovazzjoni lejn prodotti li jużaw l-enerġija b'mod iżjed effiċjenti u li jagħmlu mill-inqas ħsara lill-ambjent. Fejn l-industrija tonqos milli twaqqaf miri ambizzjużi, **id-Direttiva tal-EkoDisinn** riveduta tipprovdi bażi legali għall-promozzjoni tal-introduzzjoni fis-suq ta' prodotti li jirrispettaw aktar l-ambjent mill-aspett tal-effiċjenza fl-użu tal-enerġija kif ukoll f'dak tar-riżorsi. Dan jinkludi l-użu ta' inċentivi xierqa, xiri pubbliku u tikkettjar tal-prodotti li jiżguraw li d-domanda ssostni din il-politika.

Il-**politika** Ewropea dwar **l-istandardizzazzjoni**[8] evolviet biex tappoġġja l-innovazzjoni, b'impenn akbar lejn proċess ta' twaqqif ta' standards li huwa ggwidat mis-suq miftuħ, u dan jinkludi proċess ta' approvazzjoni kollaborattiv ibbażat fuq il-kunsens immirat lejn l-iżvilupp ta' standards domestiċi u internazzjonali, u għall-użu volontarju ta' standards, l-inklużjoni ta' għarfien ġdid fl-istandards u aċċess aħjar għall-proċessi ta' twaqqif ta' standards, l-aktar għall-

4 ĠU 2008/K 82/01
5 Ara COM(2006) 728 finali.
6 Fl-2008, l-OHIM rċieva aktar minn 87 000 applikazzjoni għal trademarks Komunitarji.
7 COM (2008) 0397 finali.
8 COM(2008) 133.

IŻM. Pereżempju, l-IŻM issa jiffurmaw 27 % tal-membri tal-ETSI u għandhom il-vantaġġ ta' tariffi mnaqqsa.

Barra minn hekk, id-**domanda** tista' timbotta l-innovazzjoni 'l quddiem billi tistimola lill-innovaturi li jissodisfaw ħtiġijiet ġodda u avvanzati. F'dan il-kuntest, ir-regoli preżenti tal-UE dwar ix-xiri pubbliku biex isostnu l-innovazzjoni għandhom potenzjal kbir li jista' jiġi eżaminat iżjed fil-fond[9].

Fl-aħħar nett, **l-Inizjattiva tas-Suq Prinċipali** (LMI - Lead Market Initiative), imnedija fl-2008, identifikat is-swieq għal prodotti u servizzi innovattivi fejn l-innovazzjoni hija bżonnjuża u possibbli u fejn l-użu aktar iffukat tal-istrumenti msemmija hawn fuq, li jiffavorixxu t-tqegħid imħaffef fis-suq ta' prodotti ġodda, jista' jagħmel differenza reali (prodotti bio, eHealth, kostruzzjoni sostenibbli, tessili ta' protezzjoni, riċiklaġġ u enerġija rinnovabbli).

## 2.3. It-twaqqif ta' sinerġiji

L-iżvilupp taż-**Żona Ewropea ta' Riċerka** (ERA - European Research Area) mill-2000 'l hawn wassal għal diversi inizjattivi li jinkoraġġixxu sistema ta' riċerka u innovazzjoni aktar koerenti fl-Ewropa. Inizjattivi politiki riċenti għandhom l-għan li joħolqu suq intern tal-għarfien billi jappoġġaw il-mobilità tar-riċerkaturi, l-aċċess, iċ-ċirkolazzjoni, it-trasferiment u l-użu tal-għarfien u t-teknoloġiji ('il-ħames libertà'). Biex, partikolarment, tegħleb il-problema ta' nuqqas relattiv ta' użu tar-riżultati tar-riċerka fl-Ewropa, il-Kummissjoni pproponiet linjigwida volontarji biex jittejbu l-kollaborazzjoni fir-riċerka u t-trasferiment tal-għarfien bejn ir-riċerka pubblika u l-industrija[10]. Iż-żieda fil-livelli ta' koordinazzjoni bejn l-UE u l-Istati Membri tipprovdi qafas aktar effettiv għall-qsim tar-riżorsi għal infrastrutturi ġodda fir-riċerka u għal programmi tar-riċerka strateġiċi konġunti li jiffokaw fuq l-isfidi ewlenin tas-soċjetà, u ħarsien aħjar tad-drittijiet tal-proprjetà intellettwali, flimkien ma' qafas strateġiku Ewropew ġdid għall-kooperazzjoni internazzjonali fix-xjenza u fit-teknoloġija[11].

Il-kollaborazzjoni fir-riċerka u fl-innovazzjoni ssaħħet. Fis-snin riċenti, twaqqfu **sħubijiet pubbliċi-privati[12]** f'diversi oqsma permezz ta' strumenti u bażijiet legali differenti. Ħames **Inizjattivi Teknoloġiċi Konġunti** (JTI - Joint Technology Initiatives) ġew imwaqqfa, kull waħda bħala entità legali indipendenti b'allokazzjonijiet ta' baġit sostanzjali mis-Seba' Programm ta' Qafas[13]. Apparti dan, skont il-Pjan Ewropew ta' Rkupru Ekonomiku qed ikunu mnedija sħubijiet pubbliċi-privati għal karozzi li jagħmlu anqas ħsara lill-ambjent, bini li juża l-enerġija b'mod aktar effiċjenti u 'fabbriki tal-futur'.

**L-Istitut Ewropew għall-Innovazzjoni u t-Teknoloġija** (EIT - European Institute of Innovation and Technology) inħoloq biex jistimula u jipproduċi innovazzjoni ta' klassi dinjija

---

9 http://www.proinno-europe.eu/doc/procurement_manuscript.pdf

10 COM(2007) 182 finali – It-titjib tat-trasferiment tal-għarfien bejn l-istituzzjonijiet tar-riċerka u l-industrija mal-Ewropa kollha: nilqgħu l-innovazzjoni fuq firxa wiegħsa – L-implimentazzjoni tal-aġenda ta' Liżbona

11 Ara COM(2008) 588 finali.

12 Ara COM(2009) yyy, dwar Il-mobilizzazzjoni tal-investiment pubbliku u privat bil-għan tal-irkupru, l-iżvilupp ta' Sħubija bejn l-oqsma Pubbliċi u Privati.

13 Mediċini Innovattivi (IMI) b'kontribuzzjoni Komunitarja ta' EUR 1 biljun; Sistemi Kompjuterizzati installati bħala parti minn xi ħaġa oħra (ARTEMIS) – EUR 420 miljun; Ajronawtika (Clean Sky) – EUR 800 miljun; Nanoelettronika (ENIAC) – EUR 450 miljun; u Fuel Cells & Hydrogen (FCH) – EUR 470 miljun.

billi jġib flimkien l-edukazzjoni ogħla, ir-riċerka u l-kummerċ f'għan għan komuni. Se jiġu mwaqqfa komunitajiet tal-għarfien u l-innovazzjoni dalwaqt biex jindirizzaw l-isfidi prinċipali tas-soċjetà bħall-mitigazzjoni u l-adattament għall-bdil fil-klima, l-enerġija sostenibbli u l-futur tas-soċjetà tal-komunikazzjoni u l-informazzjoni.

Fl-aħħar nett, il-Kummissjoni għenet biex isaħħaħ il-kollaborazzjoni bejn atturi differenti tal-innovazzjoni u appoġġjat it-tagħlim reċiproku mill-politika bejn dawk li jfasslu l-politika u l-korpi pubbliċi ta' appoġġ għall-innovazzjoni fuq livelli differenti. B'mod partikolari, twaqqaf qafas ta' politika tal-UE biex iżid il-livell ta' eċċellenza tar-**raggruppamenti**[14] fl-Istati Membri tal-UE u biex ikun hemm promozzjoni tal-kooperazzjoni bejn ir-raggruppamenti bħala mod kif titjieb il-kapaċità innovattiva u biex tissaħħaħ il-pożizzjoni fis-swieq dinjija.

## 2.4. Iż-żieda tal-appoġġ finanzjarju għar-riċerka u l-innovazzjoni

Il-politiki u l-programmi Ewropej tar-riċerka ġew imsaħħin biex isostnu b'mod aħjar l-innovazzjoni. **Is-Seba' Programm ta' Qafas għar-Riċerka**, bil-baġit tiegħu ta' EUR 54 biljun għall-perjodu 2007-2013, miżjud b'mod sostanzjali , jappoġġja r-riċerka li hi kummerċjalment rilevanti, b'mod partikolari permezz ta' Inizjattivi Teknoloġiċi Konġunti u l-parteċipazzjoni f'inizjattivi konġunti ta' riċerka mwaqqfa mill-Istati Membri. L-attivitajiet ta' skambju tal-għarfien u tal-appoġġ għall-mobilità, il-kooperazzjoni u l-infrastrutturi internazzjonali għandhom ukoll rilevanza qawwija għall-innovazzjoni. Il-Kummissjoni qed tiffaċilita wkoll il-koordinazzjoni tar-riċerka fis-settur privat permezz tal-Pjattaformi Ewropej għat-Teknoloġija. Żdiedet ir-riċerka tal-UE f'oqsma prinċipali bħall-ICT, is-saħħa, is-sigurtà, u x-xjenzi tal-ispazju u tal-baħar. Filwaqt li t-titjib tal-kundizzjonijiet għall-parteċipazzjoni tal-IŻM fil-programmi tar-riċerka huwa ħidma dejjiema, il-Programm ta' Qafas jipprovdi skemi speċifiċi għall-IŻM, kemm skemi ta' riċerka intensiva kif ukoll dawk ta' kapaċità aktar limitata fir-riċerka. Twaqqfet Faċilità ġdida ta' Finanzjament għall-Kondiviżjoni tar-Riskji (FFKR) flimkien mal-BEI (Bank Ewropew tal-Investiment) biex jingħata s-self lill-entitajiet pubbliċi u privati għall-proġetti R&D (Riċerka u Żvilupp) ta' riskju ogħli.

**Il-Politika ta' Koeżjoni** qiegħda toffri sors ta' finanzjament tal-innovazzjoni li huwa stabbli u strateġikament immirat, u dan żdied bil-qawwa sa 25 % tal-baġit ġenerali fil-perjodu ta' bejn l-2007 u l-2013 meta kkomparat mal-11 % ta' bejn l-2000 u l-2006. Madwar EUR 86 biljun f'aktar minn 380 mill-455 programm operattiv tal-Fondi Strutturali għall-iżvilupp reġjonali ġew irriservati għall-appoġġ tar-riċerka u l-innovazzjoni.

Skont il-**politika tal-iżvilupp rurali tal-UE** jingħataw xi EUR 337 miljun għas-sostenn tal-iżvilupp ta' prodotti, proċessi u teknoloġiji ġodda fis-setturi tal-agrikoltura, tal-ikel u tal-forestrija, b'fondi addizzjonali mill-programm Leader. Se jkunu mqawwa aktar l-investimenti fl-infrastruttura tal-frekwenza wiesgħa u se jkunu msostnija proġetti oħra innovattivi fiż-żoni rurali wara l-Verifika tas-Saħħa tal-Politika Agrikola Komuni u bħala parti mill-Pakkett ta' Rkupru tal-UE.

Fil-**Programm ta' Qafas għall-Kompetittività u l-Innovazzjoni (CIP)**, l-UE għandha programm speċifiku ddedikat għall-IŻM u l-innovazzjoni barra l-Programm ta' Qafas għar-Riċerka b'baġit annwali medju ta' EUR 225 miljun għall-perjodu 2007-2013. Saret allokazzjoni ta' ammont speċifiku għat-teħid ta' teknoloġiji ambjentali, b'mod partikolari permezz ta' koinvestiment f'fondi kapitali ta' riskju li jipprovdu ekwità għall-impriżi li

[14] Ara COM(2008) 652 finali.

jinvestu fl-ekoinnovazzjoni. Dawn l-istrumenti ta' kapital spekulattiv jgħinu lill-IŻM biex ikollhom aċċess għall-iffinanzjar tal-innovazzjoni.

Il-Kummissjoni għenet ukoll lill-Istati Membri u lill-awtoritajiet reġjonali biex ikomplu jibnu fuq is-sinerġiji fost l-istrumenti ewlenin tal-UE għall-provvediment tal-fondi għall-innovazzjoni - l-FP7 (is-Seba' Programm Kwadru għar-riċerka u l-iżvilupp teknoloġiku), is-CIP (Programm ta' Qafas għall-Kompetittività u l-Innovazzjoni) u l-Politika ta' Koeżjoni[15].

## 3. LEZZJONIJIET LI TA' MIN JITGĦALLEM U SFIDI LI TA' MIN JIKKONTROLLA

It-Tabella tal-Innovazzjoni[16] turi biċ-ċar li l-Ewropa diġà hija kontinent bi wħud mill-aktar pajjiżi u reġjuni innovattivi madwar id-dinja. Meta wieħed janalizza x'għandhom komuni dawn il-pajjiżi u reġjuni, wieħed isib ugwaljanzi sorprendenti. Dawn spiss qed jonfqu aktar min-norma għall-edukazzjoni, taħriġ u tagħlim tul il-ħajja, għandhom l-akbar proporzjon ta' nfiq fl-R&D fil-PGD u għandhom strumenti li jappoġġjaw it-teħid ta' teknoloġiji u prodotti ġodda fis-settur pubbliku u dak privat. L-esperjenza turi wkoll li dawn il-pajjiżi huma ppreparati aħjar biex jagħmlu użu mill-iskambju ta' prassi tajba u biex jitgħallmu mill-oħrajn. L-istess jgħodd għall-kumpaniji: mhuwiex neċessarjament l-infiq assolut fl-R&D li għandu x'jaqsam; hija l-klima ta' innovazzjoni fi ħdan intrapriża li tagħmel differenza fil-kompetittività.[17] L-isfida tal-lum hija li nirreplikaw dawn is-suċċessi fl-UE kollha.

Fil-fatt, minkejja l-isforzi kemm fuq livell tal-UE u dak tal-Istati Membri, l-innovazzjoni u l-intraprenditorija għadhom mhumiex rikonoxxuti biżejjed bħala valuri kullimkien fl-UE, filwaqt li l-fallimenti li dawn kultant jimplikaw qed ikomplu jintużaw bħala malafama. It-teknoloġiji ġodda huma spiss milqugħa b'xettiċiżmu, u d-dibattitu pubbliku għandu t-tendenza jnaqqas l-importanza vera tal-għarfien u l-evidenza xjentifiċi u spiss jibqa' ffukat fuq tħassib u theddid potenzjali għas-saħħa pubblika u l-ambjent.

Fl-istess ħin, l-Ewropej huma dejjem aktar kuxjenzjużi mill-bżonn li l-isfidi globali l-ġodda jkunu affaċċjati, bħas-sigurtà, il-bdil fil-klima u l-bżonn għal aktar ġustizzja soċjali fuq skala globali. Dan huwa vantaġġ, jekk akkumpanjat minn ftehim aħjar tal-bżonn li wieħed jivvinta, jinnova u juża teknoloġiji ġodda bien jindirizza dawn l-isfidi. F'dan il-kuntest, huwa inevitabbli li l-bidla demografika fl-Unjoni Ewropea se jkollha effetti qawwija fuq il-karatterisitiċi politiċi, kulturali, soċjali u ekonomiċi tas-soċjetajiet tagħna. Popolazzjoni li qiegħda tixjieħ, filwaqt li tqajjem bidla fid-domanda, tista' wkoll tħares lejn il-kunċett tal-innovazzjoni minn perspettiva differenti, forsi b'aktar eżitazzjoni. Se jkun importanti ħafna li din il-kwistjoni tkun indirizzata fi stadju aktar bikri u li jkun żgurat li l-atitudni tas-soċjetà tibqa' favorevoli lejn l-innovazzjoni. Jekk dan ma jiġrix, minkejja d-diversi riżorsi umani u l-għarfien li għandha, l-UE qed tirriskja li tkun imwarrba mill-kompetituri tagħha u li ma tilħaqx il-livell ta' eċċellenza li hemm bżonn biex wieħed jiżgura livelli ta' għixien għoljin. Biex dan ikun evitat, l-innovazzjoni trid tkun aċċettata u rikonoxxuta bħala l-mod kif il-miri politiċi strateġiċi tal-UE jistgħu jkunu miksuba.

Il-muturi prinċipali tal-inovazzjoni huma l-intraprendituri. Dan jissuġġerixxi l-ħtieġa tal-inkoraġġiment ta' qafas politiku u regolatorju li jippromwovi l-industriji globalment

---

15 COM(2007)474 tas-16 ta' Awwissu 2007 – "Reġjuni Ewropej Kompetittivi permezz tar-Riċerka u l-Innovazzjoni – kontribut lejn it-tkabbir u ż-żieda u t-titjib tax-xogħol".

16 http://www.proinno-europe.eu/EIS2008/website/docs/EIS_2008_Final_report.pdf

17 Ara 'L-Innovazzjoni Globali 1000', Booz Allen Hamilton, 2005.

kompetittivi fl-UE u li jippremja l-investiment fir-riċerka u l-innovazzjoni kemm tal-prodotti kif ukoll tal-proċessi, inklużi forom innovattivi tal-organizzazzjoni tax-xogħol. L-imsieħba soċjali għandhom rwol importanti f'dan il-kuntest. Filwaqt li l-leġiżlazzjoni moderna, l-awtoregolamentazzjoni u r-responsabbiltà soċjali korporattiva huma fuq quddiem f'dawn l-isforzi, jibqa' importanti li wieħed jeżamina mill-qrib ir-regolamenti ġodda u li jiżgura li dawn ma joħolqux xi żidiet mhux neċessarji fil-piżijiet fuq l-industrija jew li ma jaġixxux kontra l-innovazzjoni, u li dawn jippromwovu b'mod wiesa' s-swieq globali miftuħa u ġusti.

Ir-rwol li jistgħu jieħdu l-awtoritajiet pubbliċi fl-innovazzjoni għandu jiġi rikonoxxut u żviluppat. Il-monitoraġġ tal-politiki innovattivi tal-Istati Membri[18] juri biċ-ċar tendenzi ta' twessigħ fl-ambitu tal-istrateġiji għall-innovazzjoni u xaqlib lejn miżuri b'għanijiet soċjali usa'. Minkejja dawn l-isforzi, jidher li l-potenzjal għall-użu tal-kapaċità tal-akkwist pubbliku bħala mutur tal-innovazzjoni mhuwiex qed jintuża bis-sħiħ. Minħabba l-limitazzjonijiet prevedibbli fil-baġit, il-fatt li s-servizzi pubbliċi jista' jkollhom jagħtu l-istess livell ta' servizzi jew livelli aħjar b'anqas riżorsi jrid isir mutur b'saħħtu tal-innovazzjoni. Teknoloġiji ġodda, b'mod partikolari fl-ICT, jistgħu jgħinu wkoll biex titjieb il-kwalità, l-effiċjenza u r-reazzjoni tal-provvista tas-servizzi pubbliċi.

L-innovazzjoni teħtieġ ukoll investituri li huma lesti li jieħdu r-riskji u li jħarsu iżjed 'il quddiem mill-profitti ta' malajr.

Fl-aħħar nett, il-kompetittività tal-industriji Ewropej u l-kapaċitajiet tagħhom għall-innovazzjoni jiddependu b'mod partikolari fuq l-għarfien u l-aċċess għat-teknoloġiji ewlenin li jiftħu l-possibbiltajiet, u huma assoċjati ma' intensità għolja ta' Riċerka u Żvilupp, ma' ċikli ta' innovazzjoni rapida, ma' spiża kapitali għolja, u ma' impjegati ta' ħiliet żviluppati. L-ambitu, id-daqs u l-livell tal-kumplessita relatata mal-iżvilupp u l-użu ta' dawn it-teknoloġiji jitolbu l-kunsens dwarhom fost l-atturi kollha, barra minn kooperazzjoni iżjed qawwija u approċċ strateġiku, mhux biss fuq livell Ewropew iżda wkoll min-naħa tal-Istati Membri u r-Reġjuni, biex b'hekk jiġu kkoltivati sħubiji iżjed b'saħħithom bejn il-komunitajiet tar-riċerka u l-industrija[19].

### It-tneħħija tal-limitazzjonijiet kritiċi fil-kundizzjonijiet ta' qafas għall-intraprendituri

Minkejja t-titjib[20], is-sistema tal-innovazzjoni tal-UE għad għandha n-nuqqasijiet li jinfluwenzaw ħażin 'il-qligħ tas-suq u l-inċentivi għall-investiment privat fl-innovazzjoni li, bħala konsegwenza ta' dan għadu iżjed baxx minn dak tal-kompetituri ewlenin tagħna: is-suq waħdieni jeħtieġ li jitkompla f'numru ta' oqsma, il-qafas legali għall-ħarsien tal-proprjetà intellettwali għadu mhux lest, is-suq tal-kapital spekulattiv huwa maqsum u l-livell ta' finanzjament ta' sehem ikkontribwit mill-azzjonisti qiegħed baxx, il-proċess ta' standardizzazzjoni għadu mhuwiex issinkronizzat biżżejjed mar-riżultati tar-riċerka u mal-ħtiġijiet tas-suq, il-ħolqa tal-għarfien bejn l-intrapriża, l-edukazzjoni u r-riċerka fadlilha tiġi msaħħa, u l-UE għad għandha nuqqas ta' infrastruttura ta' ħtieġa ewlenija li tiffaċilita l-innovazzjoni. Minkejja l-progress li nkiseb diġà, l-isforzi biex tiżdied il-kapaċità tas-sistemi edukattivi tal-UE biex jikkontribwixxu lejn soċjetà innovattiva u żvelta msejsa fuq l-għarfien iridu jkomplu.

---

18 INNO - Ir-Rapport ta' Progress dwar it-Tendenza tal-Politika għall-Innovazzjoni Ewropea tal-2008.

19 Il-Kummissjoni bi ħsiebha tippreżenta komunikazzjoni speċifika fl-2009 dwar l-orjentazzjonijiet politiċi futuri għat-teknoloġiji li jiftħu l-possibbiltajiet.

20 Ara t-Tabella ta' Valutazzjoni Ewropea għall-Innovazzjoni tal-2008 fuq http://www.proinno-europe.eu/EIS2008/website/docs/EIS_2008_Final_report.pdf

Qafas legali adegwat għall-ħarsien xieraq tal-għarfien huwa kundizzjoni li trid teżisti għal soċjetà innovattiva. Fil-qasam tad-**Drittijiet tal-Proprjetà Intellettwali**, fost l-oħrajn fin-nuqqas ta' brevett Komunitarju, l-UE għadha mhix qed tipprovdi kundizzjonijiet favorevoli għall-iżvilupp u t-tixrid tal-innovazzjoni fl-Ewropa. Is-sistema Ewropea tal-brevetti tiswa l-flus, hija frammentata u hija ta' diżinċentiv għall-innovazzjoni meta mqabbla mal-Istati Uniti jew mal-Ġappun[21]. Id-differenza fl-ispiża tal-ibbrevettar meta mqabbla ma' dawn il-pajjiżi hija sinifikanti u mhijiex qed titnaqqas. Iż-żmien biex tinbidel din is-sitwazzjoni ilu li sar.

L-isforzi tal-Kummissjoni dwar politika dwar il-copyright kienu mmirati biex jiżviluppaw aktar is-suq transkonfinali emerġenti tal-UE għat-tixrid tal-għarfien. L-iżvilupp ta' prodotti, servizzi u mudelli kummerċjali diġitali ġodda, li joperaw f'suq miftuħ, jeħtieġu qafas legali ta' appoġġ u prevedibbli.

Jeħtieġ li nirrikonoxxu aktar il-piż tas-servizzi bħala karatteristika tal-pajjiżi moderni industrijalizzati, u wkoll il-potenzjal tagħhom għall-innovazzjoni għall-ekonomija u s-soċjetà ġenerali. Biex l-innovazzjoni tas-servizzi ssir aktar popolari, hemm bżonn ta' żieda fil-livell ta' kunfidenza fis-servizzi ġodda u tibdil fl-appoġġ għar-riċerka u l-innovazzjoni skont il-bżonnijiet speċifiċi ta' dawn is-servizzi. L-innovazzjoni teħtieġ ukoll it-tlestija ta' infrastrutturi essenzjali (bħan-netwerks tal-frekwenza wiesgħa u tal-elettriku) u l-esplorazzjoni tal-potenzjal tagħhom b'servizzi u użi ġodda. Ta' min jinnota, li hemm bżonn ta' sforzi ulterjuri għall-promozzjoni ta' e-skills u l-użu tal-ICT għal ekonomija sostenibbli u biex l-isfidi dwar il-futur tal-internet ikunu indirizzati, bħas-'software bħala servizz' u 'cloud computing'

Minkejja l-isforzi sinifikanti[22], il-progress lejn titjib tal-kompetittività internazzjonali u l-prestazzjoni tas-settur Ewropew tal-kapital spekulattiv – fornitur prinċipali ta' ffinanzjar għall-innovazzjoni – kien żgħir. Id-defiċjenzi strutturali tas-suq finanzjarju Ewropej fl-istadji bikrija jippersistu, inkluż l-assenza ta' investituri privati, il-frammentazzjoni tas-suq u l-qligħ baxx. Ir-riċessjoni ekonomika qed tagħmel il-ġbir ta' finanzi u l-ambjent ta' ħruġ aktar diffiċli.

**It-titjib tal-kontroll tas-sistema tal-UE tal-innovazzjoni**

Filwaqt li l-Komunità ħadet numru ta' inizjattivi, is-sinerġiji li hemm bżonn bejn il-politiki u l-istrumenti fuq livelli differenti għadhom ma nħolqux madwar l-Unjoni Ewropea. Il-bidu relattivament kawtel tal-Inizjattiva tas-Suq Prinċipali mnedija riċentement huwa eżempju ta' dan.

Il-koordinazzjoni tal-politiki bħala appoġġ għall-innovazzjoni fuq livell reġjonali, nazzjonali u dak tal-UE għandha bżonn titjieb b'mod sinifikanti u hemm bżonn ta' sistema ta' kontroll aħjar, ibbażata fuq il-prinċipji tas-sussidjarjetà, iżda li tikkapitalizza iżjed fuq il-valur miżjud ta' twaqqif ta' għanijiet komuni, il-qbil dwar azzjonijiet komuni u l-iskambju tal-aħjar prassi fost l-Istati Membri. Il-kooperazzjoni ma' pajjiżi terzi u b'mod partikolari l-iskambju tal-aħjar prassi mal-Istati Uniti tal-Amerika għandhom ikunu mtejba b'mod sostanzjali.

Il-livell ta' ffinanzjar bħala appoġġ ċentralizzat għall-innovazzjoni fuq il-livell tal-UE baqa' limitat kemm fir-rigward tal-baġit tal-UE u anke meta mqabbel ma' ħafna baġits nazzjonali, u jirrappreżenta proporzjon iżgħar mill-5 % tan-nefqa fir-riċerka pubblika tal-Programm ta'

21 Ara B. Van Pottelsberghe, 2006 fuq http://www.solvay.edu/EN/Research/Bernheim/documents/wp06002.pdf
22 Ara COM(2007) 853.

Qafas għar-Riċerka. Anki t-total tas-EUR 67 miljun li huma disponibbli fl-2009 biex jistimulaw it-teħid fis-suq tal-ekoinnovazzjoni biex jieħdu ħsieb l-effiċjenza fl-użu tar-riżorsi u t-tibdil fil-klima jidher li huma ftit meta wieħed iqis l-importanza ta' dawn l-isfidi. Min-naħa l-oħra, iż-żieda fis-sehem tal-investiment li ġiet allokata għall-innovazzjoni skont il-Politika tal-Koeżjoni għandha rwol importanti fit-tkabbir tal-kapaċità għar-riċerka u l-innovazzjoni fir-reġjuni ta' "konverġenza".

Min-naħa l-oħra, madankollu, ma hemm l-ebda nuqqas ta' programmi ta' appoġġ għall-innovazzjoni fl-UE f'termini ta' numri. Il-problema hija n-nuqqas ta' massa kritika u koerenza. Illum, l-appoġġ għall-innovazzjoni jinvolvi seba' servizzi differenti tal-Kummissjoni, diversi aġenziji, u 20 kumitat b'rappreżentanti mill-Istati Membri. Konsultazzjoni pubblika riċenti dwar l-effettività tal-appoġġ pubbliku għall-innovazzjoni tissuġġerixxi li hemm differenza bejn dak li l-kumpaniji jistennew u dak li l-iskemi ta' appoġġ għall-innovazzjoni jagħtu jew il-mod kif jagħtuh. Il-maġġoranza l-kbira tal-kumpaniji jsejħu għal proċeduri li jistgħu jkunu implimentati aktar malajr, u 75 % tal-kumpaniji mistħarrġa jistennew simplifikazzjoni tar-regoli ta' parteċipazzjoni fi proġetti tal-UE. Fil-fatt, il-kumplessità tal-programmi ta' ffinanzjar Komunitarju żżid mal-ħafna skemi eżistenti fuq livell nazzjonali u reġjonali u tagħmel l-aċċess għall-iffinanzjar rilevanti aktar diffiċli. Dan jeħtieġ strutturi ċari u simplifikazzjoni sostanzjali tar-regoli ta' parteċipazzjoni għall-iffinanzjar kollu tal-innovazzjoni, irrispettivament mill-oriġini. Dan isaħħaħ is-sistema ġenerali tal-innovazzjoni u jippermetti użu aktar effiċjenti tal-fondi u l-istrumenti, u jiżgura parteċipazzjoni aħjar tal-IŻM.

## 4. Konklużjoni

L-analiżi tal-progress miksub fis-snin riċenti turi li l-UE bir-raġun identifikat l-innovazzjoni bħala l-forza ewlenija li tmexxina għar-risq fil-ġejjieni. B'danakollu, biex l-UE issir post ta' innovazzjoni ħajja teħtieġ l-attenzjoni kontinwa u użu aħjar tal-potenzjal tas-sħubija bejn l-Unjoni u l-Istati Membri tagħha permezz ta' ħidmiet iżjed iffokati u aktar ikkoordinati fil-livelli kollha.

Għalhekk, imsejjes fuq analiżi ta' dak li s'issa nkiseb u fuq dak li għallmitna l-esperjenza, kif deher f'din il-Komunikazzjoni, u kif talabha tagħmel il-Kunsill Ewropew, il-Kummissjoni bi ħsiebha li, qabel ir-Rebbiegħa tal-2010 tistudja l-possibbiltà li tipproponi Att tal-Innovazzjoni Ewropew ġdid lill-Istati Membri li jkun fih il-kundizzjonijiet kollha għall-iżvilupp sostenibbli u jagħmel parti integrali u kruċjali tal-aġenda Ewropea futura għar-riforma.